MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Rikors Numru. 228/2011

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**
**vs**
**Gaetano Azzopardi u martu Josephine Azzopardi nee Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici tat-8 ta' Marzu 2011 li jghid hekk:

Illi s-socjeta' esponenti hija kreditrici tal-intimati fis-somma ta' €80,205.34, rappresentanti bilanc ta' somma akbar, li ghaliha l-intimati kienu kkostitwixxew ruhhom debituri certi, likwidi u dovuti tal-esponenti permezz ta' att notarili pubblikat min-nutar Rita Sammut fis-6 ta' April 1998;

Illi minhabba l-inadempjenza tal-intimati l-esponenti kienu in segwitu interpellaw lill-istess intimati b'ittra ufficjali datat 8 ta' Gunju 1999 Dok. A, sabiex dawn jottempraw ruhhom u jhallsu d- debitu taghhom;

Illi lintimati dan m'ghamluhx, u sa llum ghad iridu jhallsu l-imsemmija somma ta' €80,205.34 lill-esponenti, li ghalhekk ghandhom kull interess illi jzommu ferm il-jeddijiet taghhom fir-rigward;

Illi ladarba ghaddew aktar minn tlett snin minn meta t-titolu taghhom gie rez ezekuttiv, l-esponenti jixtiequ li jinghataw l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex dan it-titolu jerga' jigi rez ezegwibbli;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta' esponenti qieghda taghmel din it-talba a tenur tal-artikolu 258 paragrafu 'c' tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti biex terga' tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv derivanti mill-kostituzzjoni ta' debitu datat 6 ta' April 1998;

Rat illi rikors gie debitament notifikat lil intimat li naqas li jipprezenta risposta u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ukoll lid-difensur tal-konvenut li hu konsapevoli li l-klijent tieghu huwa kontumaci u li l-klijent tieghu ikkomunika mieghu dwar il-vertenza;

Rat li s-socjeta' attrici irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' tmenin elf, mija u hames u hamsin ewro u erba' u tletin centezmu (€80,155.34), u dan permezz ta' nota fl-atti ppresentata fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2011;

Semghet ix-xhieda ta' Peter Wirth, General Manager tas-socjeta' rikorrenti fejn iddikjara bil-gurament tieghu illi salv ghal hlas ta' €50 is-socjeta' attrici ghadha dovuta s-somma kollha mitluba fl-att promotur cioe ta' €80,155.34;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti b'mod konvincenti u kif titlob il-ligi t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata;

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors, bl-ispejjez ghall-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------